MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 435/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Johan-Giovanni Attard**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Johan-Giovanni Attard ta’ 25 sena iben Joseph u Anna Maria nee` Grima imwieled Pieta` fis-27 ta’ Marzu 1981, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 241581M talli:

(1) fil-21 ta’ Lulju 2006, fl-inhawi ta’ ‘Paradise Bay’ limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn go vettura ta’ l-ghamla Kia Carens bin-numru tar-registrazzjoni ABK 384, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Lars Ryholl;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjmanet gharraq jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma hu izjed minn hamsin lira Maltin; kif ukoll

(3) talli fit-22 ta' Lulju 2006 u fil-jum ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Johann-Giovanni Attard hati skond l-ewwel imputazzjoni izda minghajr l-aggravju tal-hin[1], hati skond it-tieni imputazzjoni b'dan li r-reat ta' hsara involontarja huwa "kompriz" fl-ewwel imputazzjoni[2], u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni (li tipotizza r-reat ta' ricettazzjoni), u kkundannatu sena prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Johann-Giovanni Attard, minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza biex b'hekk huwa jigi lliberat anke mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet;

Rat u ezaminat sew l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2008; ikkunsidrat:

---

[1] Mhux car mill-korp tas-sentenza jekk ghall-finijiet tal-kwalifika tal-valur l-ewwel qorti kienitx qed issib li l-valur kien kif indikat fl-imputazzjoni cioe` ta' aktar minn elf lira, jew kienx semplicement ta' aktar minn mitt lira.

[2] Anke hawn ma hux car mis-sentenza jekk l-ewwel qorti hux qed issib biss konkors materjali ta' reati, jew kienx hemm konkors formali b'mod ghalhekk li jigi li tibqa' tregi biss l-ewwel imputazzjoni.

L-aggravju principali ta' l-appellant hu, bazikament, li l-oggetti misjuba ghandu qatt ma gew identifikati bhala dawk l-oggetti li kienu insterqu minghand Lars Ryholl. L-appellant ghandu wkoll zewg aggravji ohra sussidjarji, it-tieni wiehed minnhom dwar il-piena.

Issa, ghalkemm huwa minnu li d-derubat qatt ma gharaf fil-qorti l-oggetti misjuba fil-vettura ta' l-appellant, jirrizulta li dawn l-oggetti, jew ghall-anqas diversi minnhom, gew effettivament ritornati lilu (ara l-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Lulju 2006). Dan neccessarjament ifisser li l-imsemmi Ryholl kien gharaf dawn l-oggetti bhala appartenenti lilu. Ta' min jinnota li f'dan il-kaz insterqu l-bagalji kollha li Ryholl, martu u wliedu kellhom maghhom hawn Malta, bl-oggetti kollha li kien hemm gewwa fihom, u ghalhekk ma setax jonqos li l-lista ezibita mid-derubat a fol. 10 ta' l-atti, ghalkemm tipprova tindika l-oggetti kollha, ma tistax tkun ezawrienti – specjalment meta si tratta tal-marki jew ditti tal-hwejjeg. Dak li huwa zgur, pero`, hu li fost l-oggetti misjuba ghand l-appellant proprju ftit sieghat wara s-serqa kien hemm kamera Panasonic Lumix kif ukoll loghba tal-"Monopoly". Dawn jidhru hemm fil-lista tad-derubat kif ukoll fir-ritratti ta' l-oggetti misjuba fil-vettura ta' l-appellant. Ghalkemm is-"seizure notes" ezibiti a fol. 37 u 40 ma humiex komprensivi – fis-sens li ma jelenkawx dettaljatament l-oggetti kollha wiehed wiehed – din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma ghandhiex l-icken dubju li parti mill-oggetti misruqa effettivament instabu ftit sieghat wara s-serqa ghand l-appellant u li allura, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni sodisfacenti ta' kif dawn gew ghandu, l-ewwel qorti kienet perfettament intitolata li tasal ghall-konkluzjoni li kien l-appellant li kkommetta s-serqa meritu ta' l-ewwel imputazzjoni (bl-aggravanti tal-mezz – ksur – li jifforma l-meritu tat-tieni imputazzjoni). Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Qed jigi respint ukoll it-tieni aggravju, u cioe` li l-provi kienu jwasslu, se mai, biss ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali jew ghal dak ta' ricettazzjoni. Kif inghad, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant kien involut fis-serqa.

Kwantu ghall-kwistjoni tal-piena – li l-appellant iqis li hija eccessiva – huwa minnu li jidher li l-ewwel qorti kienet qed tara fedina penali ta' haddiehor meta, fis-sentenza appellata, irriferiet ghall-fedina penali a fol. 33 *et seq.* ta' l-atti. B'dana kollu, din il-Qorti rat il-fedina penali ta' l-appellant li tinsab ezibita a fol. 79 (kif ukoll dik aggornata ezibita fil-mori ta' l-appell), u ma tistax ma tinnotax li l-appellant kien diga` instab hati in konnessjoni ma' reat ta' serq fil-15 ta' Gunju 1998 u kien tqieghed taht *probation* ghall-periodu ta' sentejn. Evidentement l-appellant ma hax l-opportunita` biex jirriforma ruhhu, u l-fedina penali aggornata tindika li huwa baqa' jaqa' w iqum mil-ligi. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, anke jekk wiehed kellu jhares biss lejn ir-reati li taghhom huwa instab hati bis-sentenza appellata u lejn il-fedina penali tieghu (u mhux ta' haddiehor, kif erroneament ghamlet l-ewwel qorti), il-piena ta' sena prigunerija hija xorta wahda oggettivament gustifikata. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------